



Brussell, 10 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

11577/22

LIMITE

CORLX 713
CFSP/PESC 1033
CSC 352
JAI 1067
ESPACE 107

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-emenda tal-Ftehim bejn l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata

1. Fit-22 ta' Lulju 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għamel Rakkomandazzjoni indirizzata lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lir-Rappreżentant Għoli jiftaħ negozjati mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) sabiex jiġi emendat il-Ftehim eżistenti dwar is-Sigurtà tal-Infurmazzjoni (dok. 11575/22).
2. Fid-9 ta' Settembru 2022, il-Kumitat tas-Sigurtà tal-Kunsill (CSC) approva (permezz ta' konsultazzjoni bil-miktub) verżjoni emendata ta' dak l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill (dok. 12313/22).
3. Fid-29 ta' Settembru 2022, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ispazju approva wkoll (permezz ta' konsultazzjoni bil-miktub) dak l-abbozz emendat ta' Deċiżjoni tal-Kunsill (dok. 13002/22).
4. Fis-6 ta' Settembru 2022, il-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri għar-Relazzjonijiet Barranin (RELEX) qabel dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-emenda tal-Ftehim bejn l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata.

5. F'konformità mal-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew jiġi infurmat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' dawk in-negozjati.
6. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-COREPER huwa mistieden:
- jikkonferma l-qbil dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill¹;
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-emenda tal-Ftehim bejn l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata, kif jinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 11576/22 + ADD 1.

¹ Minħabba n-natura tagħha, din id-Deċiżjoni mhix ser tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali (ara l-Artikolu 17(2)(b) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill).